**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 82/2016 NHV

Numru fuq il-Lista:

**Salvatore Cutajar K.I. 783356(M)**
u
**Peter Cutajar K.I. 821350(M)**

**vs**

**George Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2016, li permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf tliet mija u wieħed u ħamsin Ewro (€1,351), rappreżentanti prezz ta' żewġ baqar li ġew mibjugħa u konsenjati lill-konvenut mill-atturi;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-atturi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi is-somma ta' elf, tliet mija u wieħed u ħamsin Ewro (€1,351), bl-imgħax legali dekorribbli mid-9 ta' Marzu 2016, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
**Ġudikatur**